Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Mandat Numru. 537/2010/1

**Collis Williams Limited (C427), Spiteri Maempel Limited (C2106), JV Pharma Limited (C5034) u JBS Company Limited (C13376)**

***kontra***

**Supretendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita' dwar il-Licenzjar ta' Spizeriji**

***u***

**Reginald Fava f'ismu personali, kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpannija Chemimart Limited**

**Il-Qorti -**

**Rat** ir-rikors prezentat mir-rikorrenti fis-6 ta' April 2010 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu lil din il-Qorti

sabiex izzomm lill-intimati milli **johorgu licenza lill-intimat, kemm jekk tkun temporanja kif ukoll jekk tkun permanenti f'distanza ta' anqas minn tlett mitt metru mill-ispizeriji ezistenti tal-esponenti u dan a tenur tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Licenzji ghall-Ispizeriji (Avviz Legali 279 tal-2007 kif emendat)**

**Rat** id-digriet taghha tas-6 ta' April 2010 li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati.

**Rat** li l-intimati kienu notifikati skond il-ligi fis-7 ta' April 2010.

**Rat** ir-risposta tal-intimat Supretendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita' dwar il-Licenzjar ta' Spizeriji tat-13 ta' April 2010 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu li l-*mandat ghandu jigi revokat bl-ispejjez.*

**Rat** ir-risposta tal-intimat Reginald Fava f'ismu propju u ghan-nom u in rappresentanza ta' Chemimart Limited tas-16 ta' April 2010 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab li *dan il-mandat ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghhom.*

**Rat** il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' April 2010 fejn, bla pregudizzju ghall-istanzi taghhom, il-partijiet qablu li peress li l-appell fil-kawza "Fava pro et noe vs Supretendent tas-Sahha Pubblika et" (Nru. 278/10) jista' jincidi fuq il-mertu tal-procedura tal-lum, liema appell kellu jinstema' fit-22 ta' April 2010, ir-rikors tal-lum kellu jigi trattat wara li jkun maghruf l-andament ta' dak l-appell. Ghalhekk il-Qorti halliet ir-rikors ghat-22 ta' April 2010.

**Rat** il-verbal tal-udjenza tat-22 ta' April 2010 fejn, wara li l-Qorti giet infurmata li l-appell fil-kawza "Fava pro et noe vs Supretendent tas-Sahha Pubblika et" (Nru. 278/2010) kien gie trattat u baqa' differit ghas-sentenza ghall-11 ta' Mejju 2010, u wara li l-intimati opponew it-talba tar-rikorrenti sabiex jigi estiz it-terminu ta' xahar ghad-decizjoni tar-rikors skond l-Art.875(3) tal-Kap.12, ir-rikorrenti talbu r-rikuza tal-*Imhallef sedenti billi diga' esprima ruhu b'mod*

*definittiv fuq il-kwistjoni tal-interess tar-rikorrenti u fuq il-mertu tal-kawza.*

**Rat** li l-intimat Reginald Fava pro et noe oppona ruhu ghal din it-talba billi ssottometta *li l-parti l-ohra qed tipprova 'forum shopping'. Illi mhux minnu illi din il-Qorti esprimiet ruhha fil-vertenza li ghandha llum quddiemha stante li l-partijiet fil-kawza li qed jaghmlu riferenza ghaliha r-rikorrenti f'dan il-mandat huma persuni differenti peress illi dik il-kawza kienet tinvolvi lil Reginald Fava pro et noe u s-Supretendent tas-Sahha Pubblika et, u Collis Williams Limited et ma kienux parti mill-kawza sal-gurnata tal-lum, ghax ma ppruvawx l-interess guridiku taghhom minkejja l-'appello del terzo' u dan atenur tal-Art.236 u Art.240 tal-Kap.12 u ghalhekk it-talba taghhom ghandha tigi michuda.*

**Rat** li s-sottomissjoni ta' l-intimat Supretendent tas-Sahha Pubblika *li ma tezistix gustifikazzjoni ghar-rikuza skond l-Art.734 tal-Kap.12 stante illi l-mertu ta' dan il-mandat li jinvolvi pretensjoni illi r-rikorrenti ghandhom dritt kontra l-intimati f'dik il-kawza huwa differenti mill-mertu tal-kawza Nru. 278/10 li kienet bejn iz-zewg intimati f'dan il-mandat. Di piu' il-fatt illi l-Imhallef ikun iddecieda vertenza ma jirrendiehx mhux imparzjali jekk jiddeciedi vertenza ohra anke jekk bazata fuq l-istess fatti, u lanqas ma jirrendih persuna li tkun esprimiet ruhha fuq il-mertu wisq anqas meta dawn il-proceduri saru wara l-kawza Nru. 278/10.*

**Semghet** is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar it-talba ghar-rikuza.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-22 ta' April 2010 fejn halliet ir-rikors ghal-lum sabiex tipprovdi dwar it-talba ghar-rikuza tar-rikorrenti.

**Ikkunsidrat –**

Il-<u>kronologija tal-fatti</u> rilevanti ghall-provvediment tal-lum huma dawn –

Fis-<u>26 ta' Marzu 2010</u>, l-intimat Reginald Fava pro et noe ipprezenta rikors guramentat kontra l-intimat l-iehor

Supretendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita’ dwar il-Licenzjar u ohrajn fejn, ghar-ragunijiet li indika, talab lill-Qorti sabiex il-licenzja DL130 mahruga f’isem Chemimart Limited fil-fond 3, Freedom Square, Valletta, tinbidel ghall-fond 20-21, Republic Street, Valletta.

Ir-rikorrenti tal-lum ma kienux parti fil-kawza istitwita mill-intimat tal-lum Reginald Fava pro et noe.

Il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti [kif presjeduta] u fis-26 ta’ Marzu 2010 din il-Qorti laqghet it-talba tal-attur pro et noe sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bl-urgenza. Ghalhekk abbrevjat it-termini ghall-presentata tar-risposta guramentata u appuntat l-ewwel dehra tal-kawza ghall-udjenza tas-6 ta’ April 2010 ghall-provi kollha tal-partijiet u trattazzjoni finali.

Fil-5 ta’ April 2010, ir-rikorrenti tal-lum u Mario Debono ghan-nom u in rappresentanza tal-Pharmacy Owners Sections fi hdan il-Kamra Maltija ghan-Negozji Zghar u Medji (GRTU) ghamlu rikors quddiem din il-Qorti [kif presjeduta] fejn talbu li jigu kjamati fil-kawza.

Permezz ta’ digriet taghha moghti fl-udjenza tas-6 ta’ April 2010, din il-Qorti [kif presjeduta] cahdet it-talba ghall-kjamata fil-kawza peress li rrizultax l-interess li trid il-ligi sabiex tintlaqa’ t-talba taghhom u ghalhekk ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Fis-6 ta’ April 2010, ir-rikorrenti ressqu r-rikors odjern.

Ir-rikors kien assenjat lil din il-Qorti kif presjeduta li tat l-ewwel digriet dwar dak ir-rikors dakinhar stess tas-6 ta’ April 2010.

Permezz ta’ sentenza moghtija fis-7 ta’ April 2010, din il-Qorti [kif presjeduta] iddecidiet il-mertu tal-kawza billi ordnat li sa zmien sebat ijiem mid-data tas-sentenza jibdel id-disposizzjonijiet tal-licenza DL130 fis-sens illi u limitatament sal-31 ta’ Dicembru 2010 Reginald Fava pro et noe ikun jista’ jopera dik il-licenza ghall-finijiet u effetti

kollha tal-ligi mill-fond 20-21, Triq ir-Repubblika, Valletta, minflok il-fond 3, Misrah il-Helsien, Valletta.

**Ikkunsidrat** -

Ir-rikuza mhix haga ta' konvenjenza izda ta' gustizzja.

Din il-Qorti [PA/GV] fis-sentenza taghha tat-28 ta' Jannar 2005 fil-kawza "**Gambina vs Fithome Limited**" qalet hekk –

*Jigi osservat li r-rikuza hija fil-verita' opposizzjoni kontra l-gudikant. Din mhix xi haga li tista' titqanqal arbitrarjament minn xi parti ghaliex thossha iktar komda jew protetta quddiem gudikant iktar minn iehor ; hija procedura specjali ntiza biex thares l-interess tal-gustizzja u hija sollevabbli f'cirkostanzi precizi u partikolari. U l-ligi tal-procedura tillimita drastikament u tassattivament ic-cirkostanzi fejn din tista' titqajjem ; altrimenti wiehed jispicca fl-arbitrarjeta' u jaghti lok ghal hafna dubbji u ngerenzi fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. L-ikbar garanzija sabiex il-gustizzja tidher li qed issir huwa billi l-gustizzja tigi amministrata f'parametri ta' regoli fissi u d-diskrezzjoni tkun ezercitata fil-limiti ta' dawk ir-regoli. Altrimenti din ma tibqa' gustizzja xejn u ssir arbitrarjeta'.*

Skond l-Art.733 tal-Kap.12, *l-imhallfin ma jistghux jigu rrikuzati u lanqas jistghu jastjenu ruhhom milli joqghodu f'kawza migjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma mahtura biex joqghodu hlief ghal xi wahda mir-ragunijiet* li jissemmew fl-Art.734(1) tal-Kap.12. Kien dejjem ritenut illi l-kazijiet li fihom imhallef jista' jastjeni jew jigi rikuzat huma dawk biss tassattivament imsemmija fl-Art.734.

Ghad illi r-rikorrenti ma specifikawx id-disposizzjonijiet tal-ligi in sostenn tat-talba ghar-rikuza, din il-Qorti, wara li ezaminat id-disposizzjonijiet tal-Art.734(1) u applikathom ghall-fattispece tal-kaz tal-lum, tghid li l-unici zewg disposizzjonijiet li din il-Qorti tghid li jimmeritaw li jkunu trattati fil-kuntest tat-talba tar-rikorrenti huma s-subparagrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (d) tal-Art.734(1).

Is-subparagrafu (i) jaqra hekk –

*Jekk ikun ta l-parir tieghu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha.*

Is-subparagrafu (ii) jaqra hekk -

*Jekk il-kawza kienet ga giet quddiemu bhala imhallef jew bhala arbitru : Izda dan ma jghoddx ghal decizjoni, moghtija mill-imhallef, meta ma tkunx qatghet definittivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas ghal sentenza li tehles ab observantia.*

Riferibbilment ghas-subparagrafu (ii) u l-proviso, kien deciz mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Gauci vs Gatt et**" tas-6 ta' Novembru 1967 (Vol.LIB.I.456) [li ccitat gurisprudenza precedenti] li –

*l-kliem 'kawza' fid-disposizzjoni hawn fuq citata jirriferixxu ghall-istess kawza li fiha tkun inghatat id-decizjoni precedenti.*

Bl-istanza taghhom fil-procedura tal-lum, ir-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimat Supretendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita' dwar il-Licenzjar ta' Spizeriji milli johorgu licenza lill-intimat Reginald Fava pro et noe, kemm jekk tkun temporanja kif ukoll jekk tkun permanenti f'distanza ta' anqas minn tlett mitt metru mill-ispizeriji ezistenti taghhom u dan a tenur tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Licenzji ghall-Ispizeriji (Avviz Legali 279 tal-2007 kif emendat)

Fil-kawza "**Gambina vs Fithome Limited**" fuq citata, il-konvenuti kienu talbu r-rikuza tal-imhallef sedenti peress li fil-mori tal-kawza huwa kien laqa' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bejn il-partijiet liema mandat kien intimament marbut mal-mertu tal-kawza u intiz sabiex jikkawtela l-kreditu pretiz mill-attur. Il-Qorti hemm cahdet it-talba ghar-rikuza.

Il-fattispece tal-kaz tal-lum huma differenti.

Sabiex tintlaqa' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, iridu jkunu sodisfatti r-rekwiziti li tipprefigi l-ligi fl-Art.873 et seq tal-Kap.12. Tintlaqax jew le t-talba ghall-hrug tal-mandat ma jincidi xejn fuq il-mertu. Infatti bosta kienu l-kazi fejn tintlaqa' t-talba ghall-hrug tal-mandat, imbaghad il-parti li favur taghha jkun inhareg il-mandat tibqa' sokkombenti fil-kawza fil-mertu.

Il-kaz tal-lum jiehu xejra diversa.

Infatti jirrizulta li din il-Qorti <u>kif presjeduta</u> ddecidiet kawza <u>fil-mertu</u> bejn l-intimati tal-lum meta ordnat lill-intimat Supretendent tas-Sahha Pubblika sabiex jibdel id-disposizzjonijiet tal-licenza tal-intimat l-iehor Reginald Fava pro et noe veljanti fuq il-fond 3, Misrah il-Helsien, Valletta, sabiex sal-31 ta' Dicembru 2010 ikun jista' jopera dik il-licenza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi mill-fond 20-21, Triq ir-Repubblika, Valletta, minflok il-fond 3, Misrah il-Helsien, Valletta, u dan wara li kienet cahdet talba tar-rikorrenti tal-lum sabiex jigu kjamati fil-kawza li din il-Qorti ddecidiet il-mertu taghha ghax m'ghandhomx l-interess rikjest mil-ligi.

Issa dak li jridu jottjenu r-rikorrenti bil-procedura tal-lum, <u>prevja li jigu sodisfatti r-rekwiziti tal-Art.873 et seq tal-Kap.12</u>, huwa li s-Supretendent tas-Sahha Pubblika ma johrogx il-licenza in kwistjoni lil Reginald Fava pro et noe, kemm jekk tkun <u>temporanja</u> kif ukoll jekk tkun permanenti.

Issa l-Qorti li trid tipprovdi dwar din it-talba ser tkun presjeduta mill-<u>istess</u> imhallef li fl-ewwel lok iddekreta l-karenza ta' interess tar-rikorrenti li jkunu kjamati fil-kawza <u>fil-mertu</u> dwar il-bdil fil-kondizzjonijiet tal-licenza u li fit-tieni lok iddecieda <u>l-mertu</u> kif fuq inghad.

Ghal din il-Qorti, dan jaghti lok ghar-rikuza tal-imhallef sedenti.

Din il-Qorti trid tghid ukoll li ghalkemm l-<u>Art.736 tal-Kap.12</u> jipprovdi li *ebda wahda mir-ragunijiet ta' rikuzi msemmija fl-artikolu 734 ma zzomm lill-imhallef milli jiffirma, meta*

*mehtieg, rikorsi, sew guramentati sew le, u mandati,* l-interpretazzjoni korretta ta' din id-disposizzjoni ghandha tkun fil-kuntest ta' sitwazzjoni fejn il-mertu ta' kawza bejn il-partijiet ma jkunx ghadu deciz. Ghax jekk jigri xort'ohra, allura kull meta l-imhallef jipprovdi dwar t-talbiet waqt kawza jkun jista' jigi rikuzat. Dak tal-lum mhux kaz li huwa relatat ma' dik id-disposizzjoni.

**Ikkunsidrat –**

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti tghid li t-talba ghar-rikuza hija gustifikata billi din il-Qorti diga' ddecidiet kemm il-kwistjoni tal-interess tar-rikorrenti tal-lum kif diga' nghad, kif ukoll il-mertu tal-bdil tad-disposizzjonijiet tal-licenza ta' Reginald Fava pro et noe anke jekk ghal zmien limitat.

Din il-Qorti tkompli tghid li dak tal-lum huwa kaz fejn ic-cirkostanzi jaghtu dritt lil parti li titlob ir-rikuza tal-gudikant skond l-Art.734 tal-Kap.12. Ghalhekk mhux kaz li tidhol fil-kwistjoni perenni jekk il-parametri stabbiliti mill-Kap.12 twessghux inkella le bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxu s-smiegh xieraq. Din il-Qorti taghlaq billi tghid li dak tal-lum huwa kaz fejn l-aforisma *justice must not only be done but must be seen to be done* ghandu jipprevali fic-cirkostanzi tal-kaz.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif maghmula fl-udjenza tat-22 ta' April 2010 u b'hekk tirrikuza lilha nnfisha at termini tal-Art.734 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghalhekk il-Qorti tordna li l-atti tal-mandat jintbaghtu minnufih ghand ir-Registratur sabiex jigu assenjati skond il-ligi.**

**Spejjez rizervati.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------